

Brussell, 17 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14642/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0272(NLE)

ECOFIN 1165
FIN 923
UEM 356
CADREFIN 152

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Ottubru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 492 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 11047/21 INIT; ST 11047/21 ADD 1; ST 11047/21 COR 1) tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għaċ-Ċekja

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 492 final.

Mehmuż: COM(2024) 492 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.10.2024
COM(2024) 492 final

2024/0272 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 11047/21 INIT; ST 11047/21 ADD 1; ST 11047/21 COR 1) tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għaċ-Ċekja

{SWD(2024) 240 final}

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (ST 11047/21 INIT; ST 11047/21 ADD 1; ST 11047/21 COR 1) tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għaċ-Ċekja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRP") miċ-Ċekja fl-1 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021². Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni ġiet emendata fis-17 t' Ottubru 2023³.
- (2) Fit-13 ta' Settembru 2024, iċ-Ċekjagħamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista' jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP ippreżentati miċ-Ċekja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 40 miżura.
- (4) Iċ-Ċekja spjegat li 22 miżura ġew emendati biex jimplimentaw alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-miżura 1 (Riforma istituzzjonali tas-sistema ta' ġestjoni għat-trasformazzjoni diġitali inkluża l-istrateġija RIS 3), il-mira 56 taħt il-miżura 5 (Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain (EBSI) — bonds tad-DLT kompatibbli għall-finanzjament tal-SMEs), il-mira 58 taħt il-miżura 6 (Proġetti dimostrattivi tal-applikazzjoni tal-5G għall-bliet u ż-żoni

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 11047/21 INIT; ST 11047/21 ADD 1; ST 11047/21 COR 1.

³ ST 13383/1/23; 13383/23 REV1 (en), ST 13383/1/23 ADD1 REV1

industrijali) taħt il-komponent 1.4 (Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negożji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida); il-miri 120 u 121 taħt il-miżura 5 (Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (elettriċi, H2) u infrastruttura għall-muniċipalitajiet, ir-regġuni, l-amministrazzjoni tal-Istat u entitajiet pubbliċi oħra) taħt il-komponent 2.4 (Mobilità Nadifa); l-istadju importanti 144 taħt il-Miżura 1 (Implimentazzjoni ta' leġislazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tal-iskart fir-Repubblika Ċeka) taħt il-komponent 2.7 (Ekonomija Ċirkolari, Riċiklaġġ u Ilma Industrijali); il-miżura 1 (Faċilità ta' self konċessjonali), il-miżura 2 (Faċilità ta' self subordinat), il-mira 271 u l-istadju importanti 272 taħt il-miżura 3 (Faċilità ta' Koinvestment) taħt il-komponent 2.10 (Akkomodazzjoni affordabbli), l-investment 1 (Żvilupp ta' politiki tas-suq tax-xogħol), l-istadju importanti 185 taħt ir-riforma 1 (Żvilupp ta' politiki tas-suq tax-xogħol), il-mira 189 taħt il-Miżura 2 (Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet ta' qabel l-iskola), l-istadju importanti 275 u l-mira 279 taħt il-miżura 4 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura fil-qasam tal-kura għat-tfal f'riskju) taħt il-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjieg u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol); il-mira 201 taħt il-miżura 1 (Żvilupp ta' linja ġdida ta' strumenti ta' kważi ekwità u self ekoloġiku li jappoġġaw l-intraprenditorija) taħt il-komponent 4.2 (Strumenti Ġodda ta' Kważi-Ekwità għall-Promozzjoni tal-Intraprenditorija u l-Iżvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan (ČMZRB) bħala Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp); l-istadji importanti 304 u 305 taħt il-Miżura 3 (Titjib tal-prevedibbiltà, it-trasparenza u d-disponibbiltà tal-proċess ta' konnessjoni mal-grilja) taħt il-komponent 7.1 (Enerġija rinnovabbli u infrastruttura tal-elettriku (REPowerEU)); il-mira 309 taħt il-Miżura 1 (Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku) taħt il-komponent 7.2 (Appoġġ għad-deċentralizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija (REPOWER EU)), il-miżura 1 (Il-forniment ta' servizzi ta' konsulenza lill-unitajiet domestiċi, lill-intrapriżi u lis-settur pubbliku) taħt il-komponent 7.3 (Riforma komprensiva tal-Konsulenza fuq il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPOWER EU)); il-mira 326 taħt il-Miżura 1 (Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol) taħt il-komponent 7.4 (Adattament għall-iskejjel — Promozzjoni tal-ħiliet ekoloġiċi u s-sostenibbiltà fl-universitajiet (REPOWER EU)). Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja talbet li jiġu emendati l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, iċ-Ċekja talbet biex temenda d-deskrizzjoni tal-miżura 1 (Riforma istituzzjonali tas-sistema ta' ġestjoni għat-trasformazzjoni diġitali inkluża l-istratepija RIS 3), taħt il-komponent 1.4 (Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negożji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida), miżuri 1 (Faċilità ta' self konċessjonali) u 2 Faċilità ta' self subordinata) skont il-komponent 2.10 (Akkomodazzjoni affordabbli), miżura 1 (Żvilupp ta' politiki tas-suq tax-xogħol) taħt il-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjieg u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol) u miżura 1 (Dispożizzjoni ta' servizzi ta' konsulenza għal unitajiet domestiċi, impriżi u s-settur pubbliku) taħt il-komponent 7.3. (Riforma komprensiva tal-Konsulenza fuq il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPOWER EU)). Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (5) Iċ-Ċekja spjegat li ġew emendati 11-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi tal-miżura rispettiva. Dan jikkonċerna l-miżura 3 (Servizzi diġitali għall-ġustizzja) taħt il-komponent 1.1 (Servizzi Diġitali għaċ-Ċittadini u n-Negożji); il-miri 45 u 46 taħt il-miżura 4 (Attivitajiet ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp ta' networks u servizzi 5G) taħt il-komponent 1.3 (Networks Diġitali ta' Kapaċità Għolja); il-mira 69 taħt il-Miżura 1 (Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali) u l-mira 70 taħt il-

Miżura 2 (Faċilità Ewropea għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni ta' Referenza) taħt il-komponent 1.5 (Trasformazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi); il-miri 103 u 104 taħt il-Miżura 1 (It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binjiet tal-Istat) u l-miri 108 u 109 taħt il-Miżura 3 (Titjib tar-rendiment tal-bini pubbliku fl-użu tal-enerġija) taħt il-komponent 2.2 (Tnaqqis tal-Konsum tal-Enerġija fis-Settur Pubbliku); l-istadju importanti 113 taħt il-Miżura 4 (Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana fis-sistemi tat-tisħin distrettwali) taħt il-komponent 2.3 (Tranżizzjoni għal Sorsi ta' Enerġija Aktar Nadifa); l-istadju importanti 183 taħt il-Miżura 4 (Programmi ta' tutoraġġ) taħt il-komponent 3.2 (Adattament tal-programmi tal-iskejjel); il-miżura 2 (Sensibilizzazzjoni) taħt il-komponent 7.3 (Riforma Komprensiva tal-Konsulenza fuq il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPOWER EU)); il-mira 336 taħt il-miżura 4 (Kundizzjonijiet abilitanti għal infrastruttura ta' fjuwils alternattivi b'emissjonijiet żero) taħt il-komponent 7.5 (Dekarbonizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq (REPOWER UE)) u l-mira 345 taħt il-Miżura 2 (Żoni ta' aċċellerazzjoni rinnovabbli) taħt il-komponent 7.7 (Simplifikazzjoni tal-Proċessi tal-Permessi Ambjentali u Definizzjoni ta' Żoni għall-Iżvilupp ta' Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli (REPOWER EU)). Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja talbet li jiġu emendati l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq. Barra minn hekk, iċ-Ċekja talbet li tiġi emendata d-deskrizzjoni tal-miżura 3 (Servizzi diġitali għall-ġustizzja) taħt il-komponent 1.1 (Servizzi Diġitali għaċ-Ċittadini u n-Negozji) u l-miżura 2 (Sensibilizzazzjoni) taħt il-komponent 7.3 (Riforma Komprensiva tal-Konsulenza fuq il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka (REPOWER EU)). Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (6) Iċ-Ċekja talbet ukoll li tuża r-riżorsi liberati mit-tnaqqis fil-livell tal-istimi tal-kostijiet għall-miri 69, 70, 189 u 230 skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241 biex jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' żewġ miżuri. Dan jikkonċerna l-miri 195 u 197 tal-investiment 3 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali) taħt il-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjiegi u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol). u l-mira 292 taħt il-miżura 5 (Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fl-intrapriżi f'konformità mal-istrateġija nazzjonali RIS3) taħt il-komponent 5.2 (Appoġġ għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-Kumpaniji u l-Introduzzjoni tal-Innovazzjonijiet fil-Prattika tan-Negozju). Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja talbet li jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġa tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.
- (7) Iċ-Ċekja spjegat li ħames miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Iċ-Ċekja spjegat li l-istadju importanti 7 taħt il-miżura 1 (Servizzi diġitali għall-utenti finali) taħt il-komponent 1.1 (Servizzi Diġitali għaċ-Ċittadini u n-Negozji) parzjalment ma għadux jista' jinkiseb, minħabba li l-benefiċċju tal-irtirar elenkat ma jeżistix fis-sistema tal-pensjonijiet Ċeka. Iċ-Ċekja spjegat li l-mira 9 taħt il-miżura 1 (Servizzi diġitali għall-utenti finali) taħt il-komponent 1.1 (Servizzi Diġitali għaċ-Ċittadini u n-Negozji) parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba l-introduzzjoni parallela ta' rekwiżiti legali ġodda li jdewmu l-proġett. Iċ-Ċekja spjegat li l-miri 18 u 19 taħt il-Miżura 1 (Żvilupp u titjib ta' sistemi ta' informazzjoni individwali) taħt il-komponent 1.2 (Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali) parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu, minħabba dewmien fl-akkwist minħabba l-proċedura pendenti tal-awtorità tal-kompetizzjoni. Iċ-Ċekja spjegat li l-istadju importanti 193 taħt il-Miżura 3 (Riforma tal-kura fit-tul) taħt il-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjiegi u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol) parzjalment ma għadux jista' jinkiseb, minħabba li partijiet mill-

implimentazzjoni qed jiddewmu minħabba d-dewmien fir-rikostruzzjoni prerekwiżita tal-faċilitajiet. Iċ-Ċekja spjegat li l-mira 230 taħt il-miżura 4 (Appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp f'effetti ta' sinerġija mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni) taħt il-komponent 5.2 (Appoġġ għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-Kumpaniji u l-Introduzzjoni ta' Innovazzjonijiet fil-Prattika tan-Negożju) parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb, minħabba l-ammont aktar baxx ta' appoġġ mitlub mill-applikanti. Abbażi ta' dan, iċ-Ċekja talbet li jiġu emendati l-istadju importanti 7, il-mira 9, il-mira 18, il-mira 19, l-istadju importanti 193 u l-mira 230. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 tiġi emendata skont dan.

- (8) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati miċ-Ċekja jiġġustifikaw l-emenda/i skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2023 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (9) Ġew identifikati 39 żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw 39 stadju importanti u mira u 16-il miżura taħt it-12-il komponent. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fl-1 ta' Ġunju 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u ċ-Ċekja. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-miri 3, 4, 5 u 6 tal-miżura 2 (servizzi tas-Saħħa elettronika), l-istadju importanti 11 u l-miri 12 u 245 tal-miżura 2 (Żvilupp ta' data miftuħa u fond pubbliku), l-istadju importanti 13 u l-mira 14 tal-miżura 3 (Servizzi diġitali għall-ġustizzja) u l-istadju importanti 246 tal-miżura 4 (Servizzi diġitali għall-utenti finali fil-qasam soċjali) taħt il-komponent 1.1 (Servizzi Diġitali għaċ-Ċittadini u n-Negożji), l-istadju importanti 20, 21 u 22 tal-miżura 2 (Żvilupp ta' reġistri u faċilitajiet ewlenin għall-Gvern elettroniku), l-istadju importanti 23 u 24 tal-miżura 3 (Ċibersigurtà), l-istadju importanti 247 u l-mira 248 tal-miżura 5 (Żieda tal-investment fiċ-ċibersigurtà), il-mira 249 tal-miżura 6 (Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni fil-qasam soċjali) taħt il-komponent 1.2 (Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali), il-mira 44 tal-miżura 3 (Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura mobbli 5G f'żoni bojod intensivi fl-investment rurali) taħt il-komponent 1.3 (Networks Diġitali ta' Kapaċità Għolja), l-istadju Importanti 250 tal-miżura 2 (iċ-Ċentru Ewropew tal-Osservatorju tal-Media Diġitali (EDMO)), il-mira 59 tal-miżura 7 (il-Programm Ċek Rise-Up) u l-istadju importanti 61 tal-miżura 9 (Fondi għall-iżvilupp ta' investimenti ta' qabel it-tnedija, teknoloġiji diġitali strateġiċi u spin-offs universitarji) taħt il-komponent 1.4 (Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negożji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida), l-istadju importanti 77 tal-miżura 3 (Nisfruttaw il-Benefiċċji Shah tad-Diġitalizzazzjoni tal-Kontroll tal-Bini) taħt il-komponent 1.6 (Aċċelerazzjoni u Diġitalizzazzjoni tal-Proċess tal-Bini), l-istadju importanti 79 tal-miżura 1 (Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq intensiv fl-enerġija u fl-ispazju) taħt il-komponent 2.5 (Trasport Sostenibbli), il-mira 124 tal-miżura 2 (Appoġġ għall-proġetti tal-komunitajiet tal-enerġija) u l-mira 129 tal-miżura 2 (Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fl-unitajiet domestiċi b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli) taħt il-komponent 2.5 (Rinnovazzjoni tal-Bini u Protezzjoni tal-Arja), il-mira 136 tal-miżura 2 (Kanali tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma) taħt il-komponent 2.6 (Protezzjoni tan-Natura u Adattament għat-Tibdil fil-Klima), il-miri 154 u 155 tal-miżura 1 (Għajjnuna għall-investment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati speċifiċi), il-miri 156 u 157 tal-miżura 2 (Għajjnuna għall-investment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li huma proprjetà ta' muniċipalitajiet u reġjuni għal

użu mhux kummerċjali), il-miri 158 u 159 tal-miżura 3 (Għajjnuna għall-investiment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li huma proprjetà ta' municiplalitajiet u reġjuni għall-użu kummerċjali) taħt il-komponent 2.8 (Rivitalizzazzjoni ta' art abbandunata), il-mira 276 tal-miżura 4 (Riforma fil-kura tat-tfal f'riskju) taħt il-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjiegi u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol), il-mira 285 tal-miżura 4 (Iż-żieda fl-effettività u t-tisħiħ tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza) taħt il-komponent 4.1 (Appoġġ Sistemiku għall-Investiment Pubbliku), il-mira 215 tal-miżura 1 (Żieda fl-effiċjenza, l-orjentazzjoni favur il-klijent u l-użu tal-prinċipji tat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza fl-amministrazzjoni pubblika) taħt il-komponent 4.4 (Tisħiħ tal-Effiċjenza tal-Amministrazzjoni Pubblika), l-istadju importanti 311 tal-miżura 1 (Ċentru tad-Data dwar l-Elettriku) taħt il-komponent 7.2 (Appoġġ għad-deċentralizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-enerġija), il-miri 320 u 321 tal-miżura 2 (Data, gwida metodoloġika u taħriġ għas-sistema konsultattiva) taħt il-komponent 7.3 (Riforma Komprensiva tal-Konsulenza fuq il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka); u d-deskrizzjoni tal-miżura/i li ġejja/ġejjin: il-miżura 1 (Servizzi diġitali għall-utenti finali) u l-miżura 4 (Servizzi diġitali għall-utenti finali fil-qasam soċjali) taħt il-komponent 1.1 (Servizzi Diġitali għaċ-Ċittadini u n-Negozji), il-miżura 2 (Żvilupp ta' reġistri u faċilitajiet ewlenin għall-Gvern elettroniku), il-miżura 2 (Żvilupp ta' sistemi li jappoġġaw is-Saħħa elettronika), il-miżura 5 (Żieda tal-investiment fiċ-ċibersigurtà) taħt il-komponent 1.2 (Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali), il-miżura 1 (Bini ta' konnessjoni ta' kapaċità għolja) taħt il-komponent 1.3 (Networks Diġitali b'Kapaċità Għolja), il-miżura 7 taħt il-komponent 1.4 (l-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali, in-Negozji Ġodda Innovattivi u t-Teknoloġija l-Ġdida), il-miżura 3 (It-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji tal-manifattura u mhux tal-produzzjoni u ż-żieda tar-reżiljenza tagħhom) taħt il-komponent 1.5 (It-Trasformazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi), il-miżura 3 (Il-ħsad tal-benefiċċji sħaħ tad-diġitizzazzjoni tal-kontroll tal-bini) taħt il-komponent 1.6 (Aċċellerazzjoni u Diġitalizzazzjoni tal-Proċess tal-Bini), il-miżura 1 (Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq intensiv fl-enerġija u fl-ispazju) taħt il-komponent 2.5 (Trasport Sostenibbli), il-miżura 1 (Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Akkomodazzjoni Affordabbli) taħt il-komponent 2.10 (Akkomodazzjoni Affordabbli), il-miżura 1 (Żvilupp ta' politiki tas-suq tax-xogħol) taħt il-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjiegi u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol), il-miżura 1 (Żieda fl-effiċjenza, orjentazzjoni favur il-klijent u l-użu tal-prinċipji ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza fl-amministrazzjoni pubblika) taħt il-komponent 4.4 (Titjib tal-Effiċjenza tal-Amministrazzjoni Pubblika), miżura 2 (Data, gwida metodoloġika u taħriġ għas-sistema konsultattiva) taħt il-komponent 7.3 (Riforma Komprensiva tal-Konsulenza fuq il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni fir-Repubblika Ċeka); u d-deskrizzjoni tal-komponent 1.1 (Servizzi Diġitali għaċ-Ċittadini u n-Negozji), il-komponent 1.2 (Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali), il-komponent 2.10 (Akkomodazzjoni affordabbli), il-komponent 7.7 (Simplifikazzjoni tal-Proċessi tal-Permessi Ambjentali u Definnizzjoni ta' Żoni għall-Iżvilupp ta' Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (10) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa miċ-Ċekja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 11047/21 INIT; ST 11047/21 ADD 1; ST 11047/21 COR 1 tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għaċ-Ċekja rigward ir-rilevanza, l-

effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k).

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluż il-bijodiversità

- (11) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-Anness V, il-kriterju 2.5, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 43,2 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 98,6 % tal-kostijiet stmati totali tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (12) Il-modifiki għall-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni ekoloġika huma relatati mar-riallokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji bejn l-investiment 3 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali — rikostruzzjoni ta' servizzi soċjali bbażati fil-komunità, tal-outpatient u fuq il-post, inklużi il-faċilitajiet, ir-rikonverżjoni tal-kapaċità eżistenti), l-investiment 3 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali — rikostruzzjoni ta' servizzi soċjali bbażati fil-komunità, tal-outpatient u fuq il-post, inklużi l-faċilitajiet, il-konverżjoni mill-ġdid tal-kapaċità eżistenti (konformi mal-kriterji tal-effiċjenza enerġetika)), l-investiment 3 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali — karożżi elettriċi, u l-investiment 3 (Żvilupp u modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali — il-karożżi ibridi) tal-komponent 3.3 (Modernizzazzjoni tas-servizzi tal-impjiegi u l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol), u l-investiment 4 (Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp f'effetti ta' sinerġija mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni) tal-komponent 5.2 (Appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fil-kumpaniji u l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet fil-prattika kummerċjali). Dan jinvolve żieda fil-kontribut ġenerali għall-mira klimatika. Il-kamp ta' applikazzjoni limitat ta' dawn il-modifiki ma jbidilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-Anness V, il-kriterju 2.6, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (Klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 20,9 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

Il-modifiki fil-kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali huma relatati mar-riallokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji bejn l-investiment 1 (Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali) u l-investiment 2 (Faċilità Ewropea għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni ta' Referenza) fil-komponent 1.5 (Trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi). Dan jinvolve tnaqqis fil-kontribut ġenerali għall-mira diġitali. Il-kamp ta' applikazzjoni limitat ta' dawn il-modifiki ma jbidilx il-valutazzjoni ġenerali ta' dan il-kriterju.

Valutazzjoni pożittiva

- (14) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat bis-sejba li l-RRF jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-

Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (15) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat taċ-Ċekja huma ta' EUR 9 233 011 652. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP modifikat huwa ogħla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għaċ-Ċekja, il-kontribuzzjoni finanzjarja totali kkalkulata f'konformità mal-Artikoli 20(4), 21a(6) u 21b(2) tar-Regolament (UE) 2021/241 alllokata għall-RRP emendat taċ-Ċekja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 8 409 179 142.
- (16) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 11047/21 INIT; ST 11047/21 ADD 1; ST 11047/21 COR 1 tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għaċ-Ċekja. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Settembru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għaċ-Ċekja hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat taċ-Ċekja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti relatati mal-pagament tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u tas-self, u l-istadji importanti u l-miri addizzjonali relatati mal-pagament tas-self, l-indikaturi rilevanti relatati mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”

- (2) L-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni:

Artikolu 2 *Destinatarju*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President